**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 311/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Naomi Tanti**

Illum, 28 ta' Frar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Naomi Tanti, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 190294(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar is-6 ta' Diċembru 2018 ġewwa dawn il-Gżejjer, f'ħinijiet differenti:

1. Kellha fil-pussess tagħha l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi attakat jew għamlet rezistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna ta' PC 681 Noel Muscat inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma obdietx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saqet vettura bil-mutur tal-għamla Toyota Aygo bin-numru ta' reġistrazzjoni CCB 767 b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni u b'mod perikoluz;
5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saqet vettura kontra s-sinjal li kien jindika li ma hemmx dħul;
6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi garret 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellha liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;
7. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellha fil-pussess tagħha armi projbiti;
8. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kisret xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest impost fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-digriet maħruġ nhar it-12 ta' Jannar 2016 mill-Maġistrat Dr Neville Camilleri LL.D u hekk kif sussegwentement ġew emendati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Lulju 2023, fejn il-Qorti, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 23, 96, 338(ee), 533 u 579 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 15(1)(a)(2), 54, 55 u t-Tieni Skeda tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 2 tar-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-marki tal-Karreġata, Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05, l-Artikolu 3, 51 u 56 u l-Ewwel Skeda tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni stante li r-reat li dwaru l-imputata ġiet akkużata fl-ewwel imputazzjoni llum ġie abrogat, sabet lill-imputata mhux ħatja tas-sitt imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha u lliberata minnha, izda sabet lill-imputata ħatja tat-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-seba' u t-tmien imputazzjoni u kkundanatha għall-piena ta' sentejn priġunerija effettiva u multa ta' €6,000. Illi, l-multa bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn ewro. L-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza b'dan illi jekk il-ħatja tonqos milli tħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi kkonvertit f' piena ta' priġunerija skond il-liġi. Ai termini tal-Artikolu 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat il-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' €15,000 rappreżentanti d-depożitu ta' garanzija personali imposti bid-digriet għall-ħelsien mill-arrest mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat illum Imħallef Dr Neville Camilleri fit-tnax ta' Jannar tas-sena 2016.

Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ il-Qorti qieset li għandha tirrevoka ukoll *contrario imperio* l-imsemmi digriet għall-ħelsien mill-arrest mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-12 ta' Jannar 2016 u b'hekk ordnat l-konsegwenti riarrest ta' l-imputata u għaldaqstant laqgħet it-talba relattiva mressqa mill-Prosekuzzjoni. Ai termini ta' l-Artikolu 15(2) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti skwalifikat lill-imputata milli jkollha jew tikseb liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' sena mid-data tas-sentenza. Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska tal-vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni CCB-767. Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 56 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska tal-armi kollha li ġew eżebiti u mmarkati bħala 'Dok AS5'. Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputata tħallas lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali s-somma komplessiva ta' €1628.82, rappreżentanti spejjez inkorsi għan-nomina ta' esperti, liema somma għandha titħallas fi żmien sentejn. Fl-aħħarnett, il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga ezebita fl-atti, hekk kif is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux akar tard minn ħmistax -il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Naomi Tanti, ippreżentat fl-14 ta' Awwissu 2023, fejn talbet lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata u dana billi:

1. Tħassar u tirrevoka d-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-15 ta' Settembru 2021 u konsegwentement takkolji t-talba oriġinali tal-appellanti tat-8 t'April 2021 u terġa' taħtar mill-ġdid lil Dr Marisa Cassar sabiex isir ezami komparattiv u jiġi minnha stabbilit u kkonfermat jekk il-profil ġenetiku ta' raġel li ħareġ mill-kampjun S1 u S5 jaqbilx mad-DNA ta' individwu involut fi proċeduri kriminali separati bl-isem ta' Jordan Azzopardi u sabiex b'hekk din il-kawza tiġi rimandata lura quddiem il-Qorti ta' Prim'Istanza għat-tkomplija tal-proċeduri minn dak l-istadju l-quddiem; jew
2. Fl-eventwalita' li l-aggravju 'A' u kwindi l-ewwel talba ma tiġix akkolta, li tikkonfermaha in kwantu astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni u tikkonfermaha ukoll in kwantu ma sabitx lill-appellanti ħatja

tas-sitt imputazzjoni, u tħassarha u tirrevokaha in kwantu sabet lill-istess appellant ħatja tat-tieni, tielet, raba', ħames, seba' u tmien imputazzjoni u minflok tilliberaha minnhon; jew

3. B'mod sussidjarju, u strettament mingħajr preġudizzju għat-talbiet preċedenti, tvarja l-piena erogata b'piena aktar ekwa u ġusta u dana fid-dawl tal-aggravju 'E'.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* Antonella Debono u ħadet konjizzjoni tad-dokument ippreżentat minnha, immarkat bħala Dok. AD.

Rat li fis-seduta datata 10 ta' Jannar 2025, "*Dr Jose' Herrera għall-appellanti qed jitlob lill-Qorti tgħaddi biex tiddeċiedi l-ewwel aggravju immarkat bl-ittra 'A' fir-rikors tal-appell, qabel tiddetermina l-aggravji l-oħra*".

Rat li l-Avukat Ġenerali ma kellux oġġezzjoni għal tali talba.

Semgħet trattazzjoni limitatament fuq l-ewwel aggravju u l-ewwel talba tal-appellanti kontenuti fir-rikros ta'l-appell.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellanti ħassitha aggravat mhux biss bis-sentenza appellata, iżda ukoll bid-digriet interlokutorju mogħti mill-Ewwel Qorti tal-15 ta' Settembru 2021, fejn it-talba minnha mressqa għall-estensjoni tal-inkarigu ta'l-espert seroloġista Marisa Cassar sabiex isir komparazzjoni tal-kampjun tad-DNA elevat f'dawn il-proċeduri ma' dak ta' ċertu Jordan Azzopardi, kienet miċħuda. Minħabba f'din id-decizjoni, l-appellanti qed tilmenta li l-proċeduri fil-konfront tagħha ġew irrimedjabbilment ippreġudikati u qegħda għalhekk titlob sabiex id-digriet imsemmi jiġi mħassar u mibdul b'ordni sabiex il-prova isseħħ, u dana fl-aħjar interess tal-verita' suprema.

Illi, minn eżami tal-atti proċesswali, jirriżulta li nhar it-18 ta' Settembru 2019, Dr Marisa Cassar, espert tal-Qorti, irrelatat dwar l-inkarigu mogħti lilha u ċioe' sabiex

hija tagħmel l-analizi ta' kampjuni ta' DNA fuq numru ta' eżebiti mgħoddija lilha, li kienu jikkonsistu f'borza tal-plastik kontenenti pilloli, borza tal-plastik kontenenti flus u borza tal-plastik kontenenti *pouch* roza, *crusher*, żewġ pakketti suspettati cannabis u *rolling paper*. L-Espert Cassar fil-fatt ikkonkludiet li mill-kampjun S1, li ttieħed mill-*pouch* ta' lewn roza "**ħareġ profil ġenetiku mħallat fejn il-kontributuri maġġuri huma mara u raġel**". Ukoll, ikkonkludiet li mill-kampjun S4, li ttieħed mill-boroz "**ħareġ profil ġenetiku mħallat**", liema profil maġġuri kien dak ta' raġel.

Illi, sussegwentement permezz ta' rikors ntavolat nhar it-8 t'April 2021, l-appellanti talbet sabiex terġa' tinħatar Dr. Marisa Cassar "**sabiex isir eżami komparattiv u jiġi minnha stabbilit u kkonfermat, minn informazzjoni li temerġi minn *databases* fi ħdan il-laboratorju forensiku tagħha, jekk il-profil ġenetiku ta' raġel li ħareġ mill-kampjuni S1 u S4 jaqbilx mad-DNA ta' individwu involut fi proċeduri kriminali separati bl-isem ta' Jordan Azzopardi**". Illi b'risposta ippreżentata fid-19 t'April 2021, il-Prosekuzzjoni ma opponitx għal din it-talba.

Illi, l-espert Dr. Marisa Cassar, nhar it-28 ta' Ġunju 2021 xehdet li hija żżomm kopja tar-rapporti minnha magħmula fil-kawżi li fihom hija tkun nominata bħala espert seroloġista, madanakollu tonsab prekluża bil-liġi milli żżomm *database* dwar din l-informazzjoni u ta'l-eżamijiet minnha kondotti. Wara dan l-Ewwel Qorti, b'digriet tal-15 ta' Settembru 2021, ddeċidiet hekk:–

> **Filwaqt li l-Qorti tifhem ir-raġuni għalfejn id-difiża qiegħdha tressaq tali talba, jidhrilha li m'għandiex tilqa' l-istess talba billi kwalunkwe komparazzjoni li jkun jeħtieġ titwettaq fi proċeduri, l-oġġett u/jew ezebit jeħtieġ li jkunu kollha in atti mqar ezebiti formalment jew li jkun hemm aċċess għall-istess. Altrimenti, ikun ifisser li qegħda titwettaq komparazzjoni fuq oġġett u/jew ezebit li huwa estraneju għal kollox għall-proċeduri.**

Issa l-appellanti tikkontendi illi din il-prova kienet waħda indispensabbli għaliha stante illi d-difiża primarja tagħha kienet dik tal-koerżjoni u dan meta indikat illi kien ċertu Jordan Azzopardi li ġiegħlha tikkommetti l-atti inkriminatorji li wasslu għall-imputazzjonijiet odjerni. Tikkontendi illi minn dawn l-eżamijiet forensiċi seta' jkun stabbilit illi fil-vettura mal-appellanti, meta hija kienet imwaqqfa mill-pulizija, kien

hemm preżenti l-imsemmi Jordan Azzopardi. Illi din il-prova ma kenitx stabbilita mill-evidenza li ressqet il-Prosekuzzjoni għaliex l-pulizija li waqqfu il-vettura xehdu li ma kinux kapaċi jidentifikaw lil persuna tas-sess maskili li kien flimkien mal-appellanti bħala l-imsemmi Jordan Azzopardi.

Illi tikkontendi l-appellanti illi l-Ewwel Qorti ikkonċediet li din setgħet kienet prova rilevanti, iżda peress illi ir-rapport dwar dan il-profil ġenetiku kien ippreżentata f'kawża oħra u mhux f'dawn il-proċeduri kwindi ma setatx tilqa' t-talba tad-difiża biex isir dan l-eżami komparattiv. Fil-fehma tal-appellanti dan seta' jkun rimedjat mill-Ewwel Qorti innifisha billi tordna hi stess l-esebizzjoni ta' kopja ta' dan id-dokument, tramite ir-Reġistratur tal-Qorti meta hija kellha xelta vasta stante il-multipliċita' ta' proċeduri penali li hemm pendenti kontra l-imsemmi Azzopardi. Dan kellha tagħmlu l-Ewwel Qorti għar-riċerka tal-verita' fit-termini tas-setgħa lilha mogħtija fl-artikolu 436(3)(ċ) u l-artikolu 397(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi l-artikolu 436(3)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali li fuqu qed tistrieħ l-appellanti ma japplikax għal proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1], għalkemm japplikaw id-dispożizzjonijiet ta'l-artikolu 397[2] fejn is-sub-inċiż (1) u (2) tiegħu jagħti is-setgħa lill-Qorti tal-Maġistrati fil-kompetenza aġġudikattiva tagħha illi:

> **(1) Il-qorti tista' tordna t-taħrika ta' xhieda <u>u l-produzzjoni ta' provi li jkun jidhrilha meħtieġa</u>, kif ukoll il-ħruġ ta' ċitazzjonijiet jew mandati ta' arrest kontra kull awtur ieħor jew kompliċi li hija tikxef. Il-qorti tista' tordna wkoll aċċessi, perkwiżizzjonijiet, esperimenti, it-teħid ta' xi kampjun <u>u kull miżura jew ħaġa oħra li tinħtieġ biex il-ġabra tal-provi tal-kawża tkun kompluta minn kollox</u>.**
>
> **(2) Il-qorti tista' wkoll, taħt dawk il-kawtieli li jidhrilha meħtieġa sabiex titħares id-deċenza, teżamina jew tordna li tiġi eżaminata minn periti xi parti tal-ġisem tal-imputat jew tal-persuna li fuqha jew li magħha jkun jingħad li sar id-delitt, kemm-il darba l-qorti tkun tal-fehma li minn dak l-eżami tista' toħroġ prova kontra jew favur l-imputat.**

[1] Ara artikolu 525 tal-Kodiċi Kriminali
[2] Ara artikolu 525

Illi, allura, għalkemm huwa minnu dak li tikkontendi l-Ewwel Qorti fid-digriet tagħha illi fl-atti ma hemmx eżebit xi kampjun tad-DNA ta' Jordan Azzopardi u kwindi din il-prova ma tifformax parti mill-atti tal-kawza *de quo*, madanakollu hija kellha is-setgħa li tordna li dan ikun eżebit in atti jekk din il-prova tifforma parti minn proċeduri penali oħra pendenti kontra l-imsemmi Azzopardi, kif tikkontendi id-Difiża billi tiġi eżebita mir-Reġistratur tal-Qorti. Mhux biss iżda l-artikolu 397 tal-Kodiċi Kriminali tagħtiha s-setgħa li tieħu dawk il-miżuri jew ħaġa oħra li tinħtieġ biex il-ġabra tal-provi tal-kawża tkun kompluta minn kollox, sabiex b'hekk kellha is-setgħa tordna illi din il-prova ssir kif mitlub mid-Difiża u tordna, kif ingħad, illi dan il-kampjun jiġi eżebit in atti.

Illi il-fatt illi l-Ewwel Qorti ċaħdet lid-Difiża milli tressaq din il-prova kellu impatt fuq l-eżitu tal-kawża. Dan għaliex meta l-appellanti ressqet id-difiża tal-koerzjoni abbażi ta'l-artikolu 33(b) tal-Kodiċi Kriminali l-Ewwel Qorti qalet hekk fis-sentenza appellata:

> **"Illi l-Qorti tqis li mill-provi mressqa kemm mill-prosekuzzjoni, kif ukoll mid-difiża, ma tirriżultax l-identita' tal-passiġġier li kien fil-vettura misjuqa mill-imputata, iżda jirriżulta biss li l-passiġġier kien persuna ta' sess maskili. Illi l-Qorti tinnota ukoll li l-imputata ma xehditx quddiem din il-Qorti u lanqas ma tat xi spjegazzjoni fl-istqarrija tagħha għall-aġir tagħha, għaliex hija għażlet li ma tweġibx għad-domandi kollha li sarulha.....**
>
> **..... Il-Qorti tħoss li f'dan l-istadju għandha tissottolinea ukoll, li hija trid tiġġudika lill-imputata a bażi tal-provi prodotti fil-konfront tagħha u konsegwentment l-uniċi provi li huma rilevanti għal każ in eżami huma dawk akkwiżiti f'dan il-proċess. Dak li jista' jirriżulta fi proċeduri oħra, jew dak li possibilment irriżulta lill-pulizija fil-kors ta' investigazzjoni aktar wiesgħa u mhux in konnessjoni ma' dan il-każ huma għal kollox irrilevanti. Illi għaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li din id-difiża ma tirriżultax ippruvata."**

Kwindi, huwa evidenti illi fid-dawl tal-fatt illi it-talba tal-appellanti magħmula quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tressaq prova li setgħet kienet determinant għad-difiża tagħha kienet miċħuda, ċertament kellu impatt fuq l-eżitu finali jew għall-inqas fuq id-difiża tagħha. Il-Qorti hija tal-fehma illi l-appellanti ma għandiex tkun imċaħda milli tressaq din l-evidenza. Iżda, stante illi din il-prova ser twassal biex il-binarji ta'l-

azzjoni penali ikunu mċaqalqa fid-dawl tal-fatt illi jista' jemerġi li din il-prova li trid tagħmel l-appellanti tista' tkun waħda determinant għad-difiża li qanqlet tal-koerzjoni, liema difiża kienet skartata mill-Ewwel Qorti fuq nuqqas ta' provi, l-Qorti hija tal-fehma illi għandha tannulla s-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex wara li titressaq din il-prova ġdida  mid-Difiża, l-kawża tiġi deċiża mill-ġdid.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel aggravju imressaq mill-appellanti. Tgħaddi biex tirrevoka id-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati tal-15 ta' Settembru 2021, u għalhekk tilqa' t-talba tad-difiża kontenuta fir-rikors tal-appellanti tat-08 ta' April 2021, u bis-setgħa mogħtija lilha bil-liġi, stante illi d-l-appellanti kienet prekluża milli tressaq prova determinati għad-difiża tagħha, qiegħda tannulla s-sentenza appellata, tibgħat l-atti lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex issir il-prova mitluba mill-appellanti u wara tgħaddi biex tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**